

Brussell, 5 ta' Ottubru 2018  
(OR. en)

12551/18

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0312(NLE)**

---

**RECH 396**  
**COMPET 626**  
**ATO 64**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013  
- Adozzjoni

---

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha għal Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020<sup>1</sup> fl-1 ta' Diċembru 2017.

---

<sup>1</sup> 15387/17 + ADD1.

2. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Euratom) jillimita t-tul ta' żmien tal-programmi ta' riċerka u taħriġ fil-qasam nukleari għal massimu ta' ħames snin<sup>2</sup>. Għalhekk, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020<sup>3</sup>, li huwa parti integrali minn Orizzont 2020, ser jiskadi fi tmiem l-2018, waqt li l-partijiet l-oħra ta' Orizzont 2020, ibbażati fuq dispożizzjonijiet rispettivi tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), ser jibqgħu fis-seħħ sa tmiem l-2020. Il-proposta attwali għandha l-għan li tiżgura l-kontinwazzjoni tal-programm fl-2019-2020.
3. Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-28-29 ta' Mejju 2018.
4. Il-Parlament Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-11 ta' Settembru 2018.
5. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Lulju 2018.
6. Dikjarazzjonijiet ipprovduti bil-ħsieb tal-Kunsill huma riflessi fl-addendum għal din in-nota.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jadotta r-Regolament tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkomplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 kif rivedut mill-ġuristi-lingwisti u kif jinsab fid-dokument 12431/18.

---

<sup>2</sup> Trattat Euratom, l-Artikolu 7.

<sup>3</sup> ĠU L 347, 20.12.2013, p. 948.